# Rajna u Smajna
# Adorazzjoni Ewkaristika
# Awwissu 2026

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija

O Ġesù, tifkirtek ħelwa
Timla' 'l qalbna b'ferħ is-sema;
Iżda oħla wisq mill-għasel
Hi l-preżenza tiegħek fostna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Jekk inlissnu jew nisimgħu
l-isem tiegħek, Ġesù twajjeb,
jekk indawwru ħsiebna fuqu,
dlonk kull għaxqa nġarrbu f'ruħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Inti l-hena tal-qalb tagħna,
għajn tas-sewwa, dawl ta' ruħna;
inti tisboq kull ferħ ieħor
u kull xewqa ta' did-dinja.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Meta tiġi żżur lil qalbna,
dawl is-sewwa jiddi fuqha,
il-frugħat li jgħibu tmaqdar,
u titħeġġeġ b'nar l-imħabba.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Xerred fuqna l-maħfra tiegħek,
biex ngħożżuk, Ġesù, fuq kollox;
u mexxina lejk bil-ħeffa,
sa narawk fil-glorja tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Infaħħruk, Ġesù, Bin Alla
għaxqa w għożża ta' Missierek,
li bl-Ispirtu wriek lid-dinja
bħala d-dija tas-sebħ tiegħu. Ammen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Fil-festa tat-Trasfigurazzjoni (li ċċelebrajna lbieraħ), wara t-tqarbin, qabel il-barka tal-aħħar, il-Knisja titlob biex, permezz tal-ikel tas-sema, niġu mibdula, ittrasformati, fix-xbieha ta' Dak li l-Missier għoġbu jurina d-dija tiegħu fit-

Trasfigurazzjoni glorjuża: Ġesù Kristu. U, hekk kif ninsabu quddiem dan il-ftit ħobż safi bla ħmira li jostor fih l-istess sebħ u glorja, aħna wkoll qegħdin nuru din ix-xewqa: li, permezz tal-qima tagħna, fuqna wkoll jistrieħu r-raġġi tad-dawl tal-Iben etern tal-Missier—li sar bniedem bħalna—ħalli anke fina sseħħ din il-bidla tal-għaġeb u "b'wiċċna mikxuf nirriflettu bħal f'mera l-glorja tal-Mulej," waqt li "ninbidlu fl-istess xbieha minn glorja għal glorja" (2 Kor 3, 18). Ejjew għalhekk infissru din il-qima u x-xewqa qaddisa tagħna billi, għal kull invokazzjoni, inwieġbu: ***dawwalna bid-dawl tiegħek tal-għaġeb.***

- Iben maħbub tal-Missier, ***R/.***
- Għaxqa tal-Ħallieq, l-oħla fost il-ħlejjaq kollha, ***R/.***
- Kelma eterna magħmula laħam biex twasslilna r-rieda divina, ***R/.***
- Alla minn Alla, Dawl minn Dawl, Alla veru minn Alla veru, ***R/.***
- Musbieħ għal riġlejna u dawl fil-mogħdija tagħna, ***R/.***
- Ġesù Kristu, sebħ u fidwa tal-bnedmin kollha, ***R/.***

## Innu Ewkaristiku

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pietru Appostlu** (2 Pt 1, 16-19)
Għeżież: aħna ma konniex qegħdin nibnu fuq ħrejjef maħluqa minn moħħna meta għarrafniekom dwar il-qawwa ta' Sidna Ġesù Kristu u dwar il-miġja tiegħu. Rajna b'għajnejna aħna stess il-kobor tiegħu meta hu ħa mingħand Alla l-Missier ġieħ u sebħ, u leħen mit-Tron Glorjuż instama' jgħid għalih: "Dan hu Ibni, l-għażiż tiegħi, li bih jiena nitgħaxxaq." Aħna smajnieh dan il-leħen ġej mis-sema meta konna miegħu fuq il-muntanja mqaddsa. U hekk għandna mwettqa aħjar il-kelma tal-profeti. Tagħmlu sewwa jekk toqogħdu attenti għaliha; hi bħal fanal li jagħti d-dawl f'post mudlam, sa ma jibda jbexbex il-jum u f'qalbkom titla' l-kewkba ta' filgħodu.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/. Irroddu ħajr lil Alla.*

Mulej Ġesù, mal-Appostlu Pietru, huwa u jikteb lill-knejjes tal-Asja Minuri fit-Turkija tal-lum, aħna wkoll nistgħu nistqarru li rajna l-glorja tiegħek u smajna leħnek ... ukoll jekk għajnejna kulma qatt raw huwa l-ostja bajda u widnejna semgħu titħabbar il-Kelma tiegħek, il-Kelma dwarek, kif amar il-Missier lit-tliet appostli magħżula li raw din il-bidla tal-għaġeb isseħħ fuq il-muntanja. Imma l-qalb għandha għajnejn u widnejn li jistgħu jħossu ħwejjeġ lil hinn minn dak li s-sensi tal-ġisem jistgħu jesperjenzaw.
Il-lenti u l-mekkaniżmu tal-għajnejn imwaħħlin f'ħofor rasna jaraw biss bid-dawl li jirrifletti minn dak li jkun hemm quddiemhom, imma, f'dak li jidher, ir-ruħ kapaċi tara lil hinn, tara dak li hu mistur: fil-ħobż magħġun u moħmi nagħrfuk

fl-umanità u d-divinità tiegħek; fl-uċuħ ta' ħutna naraw ix-xbieha tiegħek, xi drabi tiddi u tilma, drabi oħra sfigurata jew imċajpra, imma hemm qiegħed xorta waħda, anke jekk insibu ruħna nħarsu biss bi stmerrija jew biċ-ċiera lejhom.
U, fit-tħarrik tal-għadam ta' widnejna biex mit-tambur jintbagħat is-sinjal lejn il-moħħ, aħna mhux sempliċiment nisimgħu kelmtek, imma nisimgħu lilek stess li tiġi mħabbar fil-liturġija u ssir preżenti fostna f'dik it-tħabbira, l-aktar tal-Evanġelju; u, fil-konsagrazzjoni, bit-tennija tal-kliem tiegħek waqt l-aħħar ikla mill-ġdid il-ħobż jinbidel f'ġismek tassew, u l-inbid f'demmek tassew, bħalma seħħ awl il-lejl qabel ma wettaqt din l-offerta ta' ġismek u sal-aħħar qatra ta' demmek lill-Missier għall-fidwa tagħna fuq is-salib.
X'paradoss, hux, għażiż Ġesù! Id-dija tat-Trasfigurazzjoni kienet togħma ċkejkna minn qabel tal-glorja tiegħek li dehret fl-aqwa tagħha meta kont minxur ma' għuda bejn sema u art! Hemmhekk tassew urejtna sebħek. Hemmhekk stajna naraw l-akbar imħabba. U, f'dik l-għajta li venvnet mal-erbat irjieħ tad-dinja iktar mill-ħoss tar-ragħad, smajna l-Kelma per eċċellenza tiegħek: in-nifs tal-agunija li miegħu ħarġet l-ikbar stqarrija tal-fedeltà tiegħek għall-pjan tas-salvazzjoni moħmi fil-qalba tat-Trinità. Mhux ta' b'xejn li l-Evanġelista Ġwanni jwasslilna din l-istqarrija mill-iktar qawwija tiegħek bħala l-Kelma tal-Missier magħmula laħam: "Meta terfgħu 'l fuq lil Bin il-bniedem, imbagħad tagħrfu li jiena hu u li minn rajja ma nagħmel xejn, imma li nitkellem skont ma għallimni l-Missier. U min bagħatni huwa miegħi, ma telaqnix waħdi, għax jiena dejjem nagħmel dak li jogħġob lilu" (Ġw 8, 28-29).

## Innu Ewkaristiku

"Mulej, kemm hu sew li aħna hawn!" (Mt 17, 4). Hekk qal Pietru dakinhar fuq il-muntanja għolja fejn ħadthom biex turihom b'mod iktar ċar min tassew int. U aħna wkoll, Mulej Ġesù, f'dan il-ħin u f'dan l-post donnu rokna tal-ġenna, maqtugħ mill-agħa u l-ġenn tal-ħajja, hekk inħossu: kemm hu sew li aħna hawn! Imma, bħalma ġara ma' Pietru, Ġakbu, u Ġwanni, hekk ukoll għalina daqt jasal il-ħin li nerġgħu ninżlu għall-wita tal-ħajja ta' kuljum. Għax id-dija li qed tixħet fuqna, mhijiex biss għalina. U dan għaliex, inti u ddewwaqna l-ħlewwa ta' mħabbtek, inti wkoll tibgħatna biex b'wiċċna mikxuf nirriflettu bħal f'mera l-glorja tiegħek fuq il-bnedmin ħutna, fuq id-dinja, f'kull rokna; anke jekk imferxin minn xulxin u 'l bogħod minn din id-dar tat-talb, dan nagħmluh magħqudin qalb waħda u ruħ waħda permezz tal-istqarrija waħda tal-glorja tiegħek u tal-esperjenza tal-laqgħa personali miegħek. Tibgħatna biex permezz tagħna tkun tista' sseħħ ix-xewqa tal-Missier: li l-bnedmin kollha jisimgħu lilek! Tibgħatna, imma tiżgurana li m'aħniex mitluqin għal riħna: "U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28, 20).

*(adorazzjoni fis-skiet)*

B'qalbna mkebbsa bl-istess imħabba ta' dak li fih il-Missier isib l-għaxqa tiegħu, u mqawwija mill-kelma tiegħu li titwassal lilna, ejjew irressqu lill-Mulej it-talbiet tagħna.

- Mulej Ġesù, ħeġġeġ iktar fil-qalb tal-Knisja tiegħek ix-xewqa li tqimek, tiċċelebrak b'dinjità, ixxandrek bħala l-Kelma tal-ħajja, u twassal il-ġmiel tiegħek sa truf l-art kollha. Nitolbu.
- Dawl tal-ġnus, ħa jiddi s-sebħ tiegħek fuq wiċċ l-art kollha biex hekk il-bnedmin jagħrfu s-sewwa kollu u jgħixu flimkien bħal aħwa, ilkoll maħluqin xbieha tiegħek. Nitolbu.
- Int li dehert fostna bħala l-kewkba ta' filgħodu sakemm fl-aħħar għad narawk bħala x-xemx tal-glorja, kif rawk l-appostli fuq il-muntanja, agħmel li qalbna ma tehda qatt tishar u tixxennaq għal-laqgħa miegħek. Nitolbu.
- Qaddes lis-saċerdoti li permezz tagħhom ta' kuljum iseħħ l-istess miraklu tat-trasfigurazzjoni, meta għall-kelma tagħhom il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-ġisem u d-demm tiegħek, u agħmel li l-ħajja tagħhom tkun hekk tixbah lil tiegħek li ħafna ġuvintur jagħżlu li jħallu kollox biex jaqdu l-poplu tiegħek fil-ministeru saċerdotali. Nitolbu.
- Ħa jkunu r-reliġjużi u l-lajċi kkonsagrati dwal ħajja fostna, imkebbsa mill-fjamma tiegħek, ħalli x-xhieda tagħhom tqanqalna biex insiru dejjem iżjed nixbhuk. Nitolbu.
- Ħa jiddi d-dawl tiegħek fuq ħutna l-mejtin sabiex jistrieħu għal dejjem fis-sliem tad-dehra tiegħek wiċċ imb wiċċ. Nitolbu.

Isma' dan it-talb tagħna, Mulej Ġesù, u agħmel li aħna wkoll, qaddejja tiegħek, nisimgħu leħnek l-għażiż biex jistħoqqilna nsiru werrieta miegħek, li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali